

NEWSPAPER POST

FRAR 2007 | GĦADD 412
EDITUR: FR NORBERT BONAVIA MSSP

# aħna lilkom

Ħolqa bejn il-ħbieb

# Mat-Tfal mill-Ġdid

**Meta fl-2005 tlaqt mid-Dar ta' San Ġużepp wara tliet snin, qatt ma bsart li ftit iktar minn sena wara se nerġa' nkun imsejjaħ lura biex naqdi l-ministeru tiegħi propju f'din id-Dar, bħala Direttur.**

Wara l-ħidma ta' Fr. Silvio Bezzina bħala Direttur, issa jmiss lili li bl-ghajnuna t'Alla u ta' San Ġużepp, nipprova nkompli nibni fuq it-tajjeb li sar minn membri tas-Soċjetà li ġew qabli, ħaddiema, voluntiera, u ħafna ħafna benefatturi li qabli ġew u għenu lid-Dar ta' San Ġużepp.

Id-Dar ta' San Ġużepp, għandha rabta intima mas-Soċjetà tagħna. Il-Fundatur, il-Qaddej t'Alla Ġużeppi De Piro, ħolom li jiġi jgħix fiha sa minn qabel ordna saċerdot, u meta fl-1922 ingħata l-inkarigu ta' dan l-Istitut, ħolom li minnu jkompli jxettel is-Soċjetà ċkejkna tiegħu, is-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl. Li nipprova nimxi, b'umilta', fuq il-passi tal-ħolma ta' De Piro hija għalija sejħa kbira, u sinjal ċar tal-fedelta' ta' Alla magħna, u maċ-ċkejknin tiegħu.

Kien ili Direttur ftit siegħat: ħabbat il-bieb u nżilt niftaħ jien: kien hemm raġel, li qalli li kellu mara anzjana miegħu li ġiet tagħti donazzjoni: ma setgħetx toħroġ mill-karozza allura mort ilqajtha fuq il-bankina. Tatni ċekk ta' flus b'għotja sostanzjali għat-tfal. Bilkemm flaħt ngħidilha grazzi. Dħalt il-kappella ta' San Ġużepp, u għidt talba ta' grazzi lill-prottettur ta' din id-Dar. Għidtlu f'qalbi: "Qisek kont taf li ghandi ħabta ninkwieta kif se nkampa bl-ispejjeż u l-inkwiet li ġġib magħha Dar bħal din, u ridt tibgħatli messaġġ: li sakemm inpoġġi qalbi hemm, il-Mulej, se jipprovdi".

Fuq kollox, Iċ-ċentru ta' din id-Dar, mhux jien, jew is-Soċjetà, imma t-tfal afdati f'idejna. Nittama li f'dawn it-tliet snin li ġejjin, it-tfal li l-Mulej fdalna f'idejna jaraw titjib fil-kwalita' tal-ħajja tagħhom, u li jsibu fija bħala direttur, fil-ħaddiema, u fil-voluntiera ta' din id-Dar, nies li fihom jesperjenzaw l-imħabba. Minn qalbi grazzi lil tant benefatturi tal-għajnuna tagħkom matul Iż-żmien.

| fr franki cini mssp



# Il-Milied fil-missjonijiet tagħna

# *tal-Filippini u l-Pa*

## FILIPPINI

Fil-Milied li għadda inzertajt kont il-Fippini nakkompanja lis-Superjur Ġeneral u għalhekk kellna l-okkażjoni nsegwu mill-viċin dak li jiġri f'dak il-pajjiż kattoliku fl-Asja. Qaluli li hawn il-Milied jibda verament kmieni. Sa minn Settembru tibda tisma' l-innijiet tal-Milied f`diversi postijiet speċjalment f`*shopping centers*. Ħaġa oħra, huwa t-tiżjin fit-toroq u postijiet pubbliċi. Hawnhekk huma popolari l-istilel kbar mimlija kuluri u dwal. Imma ħaġa karatteristika ta' dawk il-ġranet hija l-quddiesa tan-novena tal-Milied li ssir fil-knejjes kollha tal-Filippini fis-sigħat bikrin tal-ġurnata, u ġeneralment tibda fl-4.30 am. Iva, fl-4.30, u kull knisja tkun maħnuqa bin-nies sa minn ħafna qabel, biex jilħqu post. Fr. Bernard u jien attendejna għal waħda minn dawk il-quddisiet tan-novena fil-parroċċa tal-Karmnu ġewwa Quezon City. Kien hemm tfal żgħar, żgħażagħ, adulti u anzjani. U kieku rajt xi ħadd jongħos matul is-sagħtejn li damet lċ-ċelebrazzjoni. Wara l-qudddiesa kulħadd jinġabar ħalli jiekol il- BIBINGKA, speċi ta kejk tar-ross ħelu; ir-ross issibu dejjem f`kull okkażjoni.

Il-quddiesa ta' nofs il-lejl nhar il-Milied bdiet b' *pageant* sabiħa, liturġija ħajja mħejjija tajjeb ħafna bil-partecipazzjoni sħiħa ta' kulħadd. Fl-aħħar tal-Quddiesa, il-kappillan tefa l-knisja kollha u hallieha fid-dlam ċappa waqt li beda jeżorta lil



## PAKISTAN

Il-Milied li għadda erġajt mort, wara 9 snin, il-Pakistan. F'dan il-pajjiż jiena ħdimt għal 14- il sena. Din id-darba ħdimt fir- raħal ta' Yuhannabad. Tista' tgħid li hu raħal nisrani. Barra l-kattoliċi hemm insara ta' denominazzjonijiet oħra.

Fejn kont naħdem meta kont hawn l-ambjent tal-Milied kien ikun biss fil-parroċċa. Hawnhekk f'Yuhannabad l-ambjent kien jinsab fid-djar u fit-toroq . Fit-toroq ma' tarax id-dwal bħat-toroq tagħna f'dan lż-żmien. Però tara ħafna banners imwaħħlin minn naħa għall-oħra tat-triq. Ħaġa li laqtitni kienet li fuq il-bjut jagħmlu stilel mixgħulin li mill-bogħod tant jagħmlu sabiħ, u li tinduna li l-insara qed jiċċelebraw xi ħaġa.Tal-ħwienet ukoll ibiegħu xi oġġetti reliġjużi. Pero' l-qofol tat-tiżjin ikun fil-Parroċċa. Issir ħidma sfiqa biex tiżżejjen il-Knisja li tagħti dehra mill-isbaħ bil-presepju f'post ċentrali.

Dan it-tiżjin sar mill-istudenti u l-kandidati prospettivi tagħna flimkien ma xi lajċi. Il-parroċċa tieħu ħsieb diversi skejjel, li responsabli tagħħhom hu Bro. Dominic Borg mssp. Kull skola għamlet, pageant fuq l-istorja tal-Milied, u wara kull tifel u tifla marru d-dar b'rigal ckejken ta' tifkira. Dan grazzi għalikom benefatturi tagħna.

Fil-lejl tal-Milied il-parroċċa kien fiha għaxqa mimlija kollha bin-nies. Il-funzjoni bdiet bil-kant ta' l-innijiet tal-Milied. Peress li fil-parroċċa hemm diversi sorijiet barranin kantaw innijiet bil-lingwa ta' pajjiżhom. F'nofs il-lejl harġet il-quddiesa li ċ-ċelebrant prinċipali kien Fr. Raymond Simon li preżentement huwa l-Kappillan. Huwa kien assistit minn Fr. Pierre Bonnici, Superjur tal-Missjoni fil-Pakistan u

# a...

# akistan

kulħadd biex jixegħlu x-xemgħat li kellhom f'idejhom. Talabhom biex jilqgħu lil Ġesù bambin f'ħajjithom biex ineħħi d-dlam li jinsab f'kull wieħed minna. Kienet xena vera sabiħa u effettiva. It-Tarbija ta' Betlem hija verament id-Dawl tad-dinja!

Kif tispiċċa il-quddiesa l-familja tinġabar fid-dar u flimkien jiċċelebraw in-NOCE BUENA. Din tikkonsisti f'ikel, ikel u aktar ikel, kant, divertiment u logħob tan-nar.

| fr james bonello mssp











minni. Bro Dominic Borg flimkien ma' l-istudenti tagħna u l-kandidati prospettivi ħadu sehem fil-quddiesa.

Dan il-Milied kien għalija Milied memorabbli, għax barra li iltqajt man-nies li kont naf qabel, rajt il-frott tad-dedikazzjoni u l-ħidma tal-missjunarji tagħna f'dan il-pajjiż Musulman.

Grazzi lilkom benefatturi li dejjem tagħtu s-support tagħkom finanzjarju u bit-talb .

| fr joe borg mssp

## fuq l-imħabba

**Fir-Regola Originali tas-Soċjetà, il-fundatur tagħna Ġużeppi De Piro jagħtina riflessjoni profonda fuq l-imħabba. Barra li hija mudell ta'ħajja għall-komunitajiet tagħna, hija għajnuna kbira biex tinbena komunità nisranija.**

Dawn huma xi punti minn dak li jgħid:

- Kull wieħed għandu jkun konvint mill-bżonn ta' l-imħabba reċiproka.
- L-imħabba tista' tkun possibli jekk kull wieħed jaċċetta u jissaporti d-dgħjufija u d-difetti ta' l-oħrajn u billi wieħed Igorr il-piż ta' l-ieħor sewwa sew kif jgħidilna San Pawl "Erfgħu t-tagħbija ta' xulxin", (Gal 6,2) bla ma jkollu fl-ewwel post l-interess personali tiegħu iżda l-ġid ta' l-oħrajn.
- Kull wieħed għandu joqgħod attent u jkun prudenti kif jitkellem fuqu nnifsu u fuq l-oħrajn.
- Ħadd m'għandu jikkmanda lil ħaddieħor f'xejn ħlief dawk li jkollhom din l-awtorità.
- Mingħajr ma' wieħed imur 'l hinn minn dak li jiflaħ, ħa jfittex kull wieħed li jaqta' x-xewqat ta' l-oħrajn u jkun attent u pront biex jgħin u jaħji lil min jitlob l-għajnuna tiegħu.
- Ħa jkunu dejjem ħfief biex jaħfru meta minħabba d-dgħjufija umana wieħed iweġġa' lill-ieħor jew jiġi mweġġa' mill-oħrajn...ħadd m'għandu jmur jorqod qabel ma jagħmel dan.



| fr martin cilia mssp

# Fundazzjoni Librerija




**Kull sengħa għandha l-għodda tagħha. Bla dubju ta' xejn l-għodda li juża is-saċerdot hija l-kotba. Fil-librerija tagħna wieħed ġa jsib ħafna kotba interessanti. Imma biex wieħed Iżomm lilu nnifsu up to date irid jixtri kotba godda u dawn dejjem ħerġin.**

**Int, tista' tkun Fundatur tal-librerija tagħna. Tagħmel dan billi tagħti donazzjoni ta' Lm50 darba biss. Din is-somma inpoġġuha l-bank u bl-imgħax ta' kull sena nixtru l-kotba. Ma kull ktieb li jinxtara titwaħħal lable b'isemek u b'talba għalik. B'hekk flusek jibqgħu jagħmlu l-ġid ukoll, wara mewtek.**



## L-Arċisqof Pawlu Cremona f'Sant'Agata

Għall- okkażjoni tal-festa ta' San Pawl il-Patrun tagħna, fit-28 ta' Jannar li għadda, kellna l-unur li jkollna magħna lill- E.T. l-Arċisqof Pawlu Cremona, kif ukoll lill- E.T. l-Arċisqof Emeritus, Ġużeppi Mercieca. Is-Superjur Ġenerali f'isem il-membri kollha tas-Soċjetà tagħna, talab il-barka t'Alla tinżel fuq l-Arċisqof il-ġdid u wiegħdu kull għajnuna, filwaqt li rringrazzja lill-Arċisqof Emeritus għal dak kollu li għamel għall- Knisja f'Malta.

## Statwa ta' Sant' Agata



Fil-Knisja tagħna, fuq l-artal maġġur, insibu din l-istatwa ta'Sant'Agata skolpita fl-irħam abjad. Hija attribwita lil Antonello Gagini u inħadmet madwar is-sena 1500. Skond Giacomo Bosio, li kiteb l-istorja ta' Malta fis-sena 1621, jgħid li waqt l-ewwel assedju li sar fir-Rabat u l-Imdina f'20 ta'Lulju 1551, din l-istatwa ġiet meħuda fuq is-swar ta' l-Imdina biex tipproteġi lill- Maltin mit-Torok.

Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl ▪ Sant'Agata, Rabat, Malta RBT 07 Tel: 2145 4503 ▪ Stella Maris, Żebbuġ, Gozo Tel: 2155 1159